

Facebook-Cambridge Analytica: Il-privatezza trid tiġi protetta aħjar

- Awditu sħiħ ta' Facebook mill-korpi tal-UE
- Il-liġijiet elettorali jridu jiġu aġġornati biex jirriflettu r-realtà diġitali
- L-istati membri għandhom jinvestigaw l-allegazzjonijiet ta' użu ħażin tal-ispazji politiċi fuq l-internet minn forzi barranin

B'riżultat tal-iskandlu ta' Facebook-Cambridge Analytica, l-MEPs sejħu għal awditu sħiħ ta' Facebook u miżuri ġodda kontra l-indħil fl-elezzjonijiet.

L-MEPs qalu, f'riżoluzzjoni adottata l-Ħamis, li Facebook mhux biss kiser il-kunfidenza taċ-ċittadini tal-UE, "iżda wkoll il-liġi tal-UE". Huma rrakkomandaw li Facebook iwettaq bidliet għall-jpattaforma tiegħu biex jikkonforma mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Miżuri kontra l-manipulazzjoni tal-elezzjonijiet

L-MEPs innutaw li d-data miksuba minn Cambridge Analytica setgħat intużat għal finijiet politiċi, miż-żewġ naħat matul il-kampanja tar-referendum fir-Renju Unit dwar is-sħubija tal-pajjiż mal-UE u matul l-elezzjoni presidenzjali tal-Istati Uniti fl-2016.

Huma issottolinjaw l-urġenza biex jiġu miġġielda t-tentattivi biex jiġu manipulati l-elezzjonijiet tal-UE u biex il-liġijiet elettorali jiġu adattati biex jirriflettu r-realtà diġitali. Ir-riżoluzzjoni toffri bosta ideat dwar kif dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu.

Ir-riżoluzzjoni toffri taqsira tal-konklużjonijiet milħuqa wara l-laqgħa ta' Mejju bejn l-MEPs ewlenin u s-CEO ta' Facebook Mark Zuckerberg, u t-tliet smiġħ sussegwenti. Hija tagħmel referenza wkoll għad-dejta breach li sofra Facebook fit-28 ta' Settembru.

Kummenti minn MEPs Maltin

Roberta Metsola (EPP)

"L-ċittadini Ewropej għandhom iserrħu rashom li d-data personali tagħhom tibqa' personali u mhux tispiċċa fuq il-kompjuters ta' persuni oħra. Sfortunatament, fl-aħħar xhur, smajna b'diversi każi fejn informazzjoni personali ta' persuni li jużaw Facebook spiċċat għand kumpaniji privati li jużaw dik l-istess informazzjoni biex jinfluwenzaw l-elettorat fi żmien l-elezzjonijiet. Dan irid jieqaf illum qabel għada, speċjalment meta qed nippreparaw għal elezzjonijiet madwar l-Ewropa kollha f'Mejju li ġej. Aħna qed ninsistu li kumpaniji bħal Facebook ikunu trasparenti fil-modi u l-

mekkaniżmi li jużaw biex jissalvagwardjaw l-informazzjoni personali tan-nies."

Francis Zammit Dimech (EPP)

"Bosta kienu effettwati mill-ksur tad-dejta personali ta 'Facebook'. Għandna dejjem nħarsu d-dritt tagħna bħala ċittadini u bħala konsumaturi, għall-privatezza tagħna. Għalkemm l-era diġitali ġabet riżultati pożittivi ħafna għad-dinja, ma nistgħux inħallu dan ikun ta' detriment għaliha. Għalhekk, għandna nimmiraw li nsaħħu it-trasparenza, ir-responsabilità, d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi - speċjalment id-dritt tagħna għal ħajja privata, fejn id-dejta personali tkun protetta akkost ta 'kollox."

Marlene Mizzi (S&D)

"Il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data hija waħda li għandha tiġi nfużata sabiex tħares id-drittijiet taċ-ċittadini f'dak li għandu x'jaqsam data. Huwa minħabba f'hekk li kull kumpanija, rispettivament hiex SME jew ġgant bħal Facebook, għandha taħdem b'mod qatigħ biex tirregola l-pożizzjoni tagħha li tkun konformi mal-liġijiet tad-data. B'dan il-mod nevitaw skandlu ieħor bħalma kien dak ta' "Cambridge Analytica".

B'dan il-mod, jien u l-kollegi tiegħi ġewwa l-Parlament Ewropew ħa nkomplu naħdmu sabiex inkompli ntejbu l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, bl-intenzjoni ewlenija li tiproteġi lill-utent. Għaldaqstant irridu naħdmu sabiex inkomplu nħejju leġiżlazzjoni li tkun konformi ma l-iżvilupp u l-progress."

Għal aktar informazzjoni

[Tappi fil-proċedura](#)

[Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern](#)

[Claude Moraes \(S&D, UK\)](#)

[Testi adottati \(24.10.2018\)](#)

[Reġistrazzjoni tad-dibattitu \(23.10.2018\)](#)

[Vot fil-kumitat dwar il-libertajiet ċivili \(9.10.2018\)](#)

[Pakkett awdjo-viżiv dwar il-protezzjoni tad-dejta](#)

Kuntatti

Iina LIETZÉN

Press Officer

☎ (+32) 2 28 40731 (BXL)

☎ (+33) 3 881 73472 (STR)

☎ (+32) 47 088 3910

✉ iina.lietzen@europarl.europa.eu

John SCHRANZ

Press Officer

☎ (+32) 2 28 44264 (BXL)

☎ (+33) 3 881 74076 (STR)

☎ (+32) 498 98 14 02

✉ john.schranz@europarl.europa.eu
